Etimoloġija u Ortografija

21, Cospicua Str., Bormla.
18 ta' Lulju, 1945.

Għażiż Tabib Galea,

Qrajt fl-aħħar ħarġa ta' "Il-Malti" l-ittra tas-Sur Ivo Muscat-Azzopardi u dik tas-Sur Nin Cremona fuq l-etimoloġija ta' xi kliemiet, u nitolbok tħallini ngħid tiegħi, mill-ftit li naf, fejn ma naqbilx mas-Sur Nin.

a) *TRIQ.* — Hu jistqarr li l-kitba *triq* tajba u *trieq* ħażina, u madankollu jżomm mal-kitba l-ħażina! Min jista' jaqbel miegħu!?

b) *HAL.*—Naqbel fuq nisilha ma' l-avv. Micallef li jiġbed minn: *Ħ-(W)-L*, i.e. *Ħal*, *jħul* (II sura: *ħawwel*)="crescere naturalmente", u mhala nom: *ħal* (plur. *ħwiel*) ="macchia", "plantation" *inde* "Kolonja" jew "ġabra familji" (a. "Il-Malti", 1925, p. III u 1926 p. 16 et seq). M'hemm ebda ħjiel li nistgħu niktbu *ħall* ħlief biż-żieda ta' l-artiklu li f'xi kasi jixxammex. Ma jidhirlix li hemm fix wieħed iqatta' xagħru.

c) *MOĦĦOM.* L-*ħ* m'hix *għ* u dejjem eħfef minnha. Fil-qari *għh* tinħass dejjem itwal minn *ħh*, u jekk fil-għajn *ħħh* tidher kerha, mhux biżżejjed biex iġagħlek tapplika r-regula tal-Haplology fejn ma jmissiex, u tħalli lil min jaqra jegħlet fil-għaġla tal-qari tal-kelma. Niktbu mela: *moħħom* u le *moħhom*. It-taxdid ma jeżistix fil-Malti.

Mill-bqija naqbel f'kollox mas-Sur Nin.

Tiegħek.
ERIN SERRACINO-INGLOTT.

TWEĠIBA

Is-Sur Erin Serracino-Inglott għoġbu jagħmel xi kommenti fuq it-tweġiba li kont tajt fi "Il-Malti" ta' l-aħħar fuq il-kitba ta' xi kliem Malti, u, kif fisser ruħu, ma jaqbilx fuq il-kitba ta' *trieq* flok *triq*, ta' *moħhom* flok *moħħhom* u fuq in-nisel tal-kelma *ħal* jew *ħall*.

1. Jien ma għidtx li l-kitba *trieq* hija ħażina, imma li skond ir-reqqa etimoloġika hija *triq*. Jaqbel, iżda, li wieħed jimxi ma' l-użu jew mal-kitba tradizzjonali tagħha. Mhux kull kelma li mhix miktuba skond l-etimoloġija hija ħażina. Fuq hekk, il-kriterji dwar l-ortografija tal-lingwi, u fosthom tal-Malti, fost l-aħjar kittieba jiġu li ma jaqblux għalkollox jew f'xi rqaqat, għax f'xi kliem iktar il-fonetika u l-użu li jagħmlu r-regula milli l-etimoloġija tal-kelma. Ma jidhirlix li fuq hekk għandi għalfejn intawwal u naħli l-wisa' ta' "Il-Malti", għax dak li fissirt fuq il-kitba ta' *trieq* jew *triq* hu biżżejjed. Il-bqija hija pedanterija li fil-letteratura ta' l-ilsna iżjed tista' tagħmel ħsara milli ġid.

2. Is Sur Serracino-Inglott ma jgħidx għaliex jaqbel iżjed ma' l-Avukat Micallef li fil-korrispodenza tiegħu fuq il-kelma *ħal* (ara "Il-Malti", ta' l-1926, p. 16 u 17) donnu ried ifisser li n-nisel tagħha huwa mill-verb *ħal* (*HWL*) li jagħti l-imnissel *ħawwel*, u n-nom *ħal*, fis-sens ta' "colonia" minn *colere* u ta' *plantation* (fl-Ingliż) li tista' tfisser ukoll "colony".

Kif kont fissirt fil-kommenti tiegħi fuq il-kelma *ħal* (Ara "Il-Malti", 1926, p. 56), il-verb *ħal*, *jħul*, bl-imnissel *ħawwel*, bis-sens ta' *colonia*, *tribù* jew ta' *lok fejn tajfa ta' nies tieqaf biex tgħammar fih* (stazzjon ta' tribù) bħalma, setgħu jagħtuh il-verb għarbi *ħall* (Freytag, Belot), il-kelmiet *maħall* (endroit, lieu, place—Hava & Belot [Surie]) u *mħall* fi Tripli u *riħâl*, *arħâl*, plur. ta' *raħl* (lieu ou l'on fait halte, Belot-Dwelling).

Il-mamma *ħall*, fil-Għarbi tfisser, fost ħwejjeġ oħra: "Wasal minn mixja (vjaġġ) — *discedit ex itinere*; "qagħad, waqaf f'post — *quiescit in loco*, li minnha tnisslu kliem bħal dawn: *ħilla* (qabil); *maħalla* (rabat, belt)—*mansio*, *vicus*, *urbs*, u l-iktar in-nom *maħall* (post fejn wieħed joqgħod, jgħammar). B'danakollu hemm ukoll id-dubju jekk *ħal* jew *ħall* setgħetx ukoll tnisslet minn *ahl*, *ahel*, *mahul* (locus habitatus), skond ma fehem Temi Zammit, u kif tarrfilna r-Rev. Dessoulavy, kemm-il-darba fil-Malti l-*h* siekta jew semi-aspirata tbiddlet fil-leħen ta' *ħ*, u l-vokali *e* maħtufa ta' *ahel*, *ahl* tbiddlet f'*a* twila. Għalhekk in-nisel tal-*ħal* jew *ħall*, għalkemm skond il-fehma ta' Dessoulavy u tiegħi *iktarx* tnisslet mill-mamma *ħall*, li minnha ħareġ in-nom *maħalla* (li fil-Malti setgħet tqassret f'*ħall*), jibqa' dejjem dubbjuż. Iżda illi tnisslet mill-mamma *ħal*, *jħul* (li minnha jitnissel *ħawwel*), skond ma kien fehem l-avukat Micallef, mhux ta' min iġerragħha: għax kif kien fissirha Dessoulavy, il-kelma *ħal* (state, plantation) mill-għerq *h-w-l*, fil-Għarbi qatt ma tista' toqgħod biex tfisser *art territorjali* (territorial estate), għalkemm *ħal*, fis-sens ta' *stat*, *kondizzjon* (Cfr. il-Għarbi Tripolin: *xi ħalek*—kif int, fliema stat int?, u l-Malti: *bħalek*, jiena fl-istat tiegħek), tista' b'xi mod tressaqha mal-kelma Anglo-Franċiża: *estate*, *state*. Il-korrispondenza tiegħi fuq in-nisel tal-kelma *ħal* jew *ħall* fi "Il-Malti" ta' l-1916, p. 61, kont għalaqtha b'dawn il-kelmiet: "In-nisel tal-kelma *ħal* għad trid tfittxija ta' reqqa kbira u fuqha hemm fix wieħed imieri lil ieħor". Jidhirli li b'hekk is-Sur Serracino-Inglott għandu jifhem illi kieku sata' jurina b'argumenti xi nisel aħjar u iżjed floku fuq il-kelma *ħal* milli s'issa ntqal, u sar ħafna taħqiq fuqha, jiena kont inkun l-ewwel wieħed li neħodlu b'idu.

3. Jidhirli li jien fissirt biżżejjed għaliex jixraq li niktbu *moħħom* u mhux *moħħhom*. X'għandha x'taqsam id-differenza fit-tul tal-ħoss *għh* u *ħh* mal-kwistjoni tat-tagħqid ta' *ħħh* f'*ħh*? Il-kwistjoni hija fil-qawwa tal-ħoss *ħh* li jagħtu l-leħen magħqud ta' *ħħ*; ħoss li mhux inqas qawwi minn dak li jistgħu jagħtuh it-tliet konsonanti *ħħh* tat-traskrizzjoni etimoloġika, fil-kelma *moħhom*=*moħħhom*. Tliet konsonanti *li jagħtu leħen wieħed* ma' tista' qatt issemmagħhom bil-ħoss ta' *iżjed minn żewġ konsonanti* jew *ta' konsonanti doppja*, jew aħjar fil-fonetika ma tistax tlissen tliet konsonanti, bil-ħoss ta' *tlieta*, iżda ta' *tnejn biss*, meta dawn flimkien jagħtu leħen wieħed. Waħda miż-żewġ konsonanti (l-iktar meta ikunu gutturali jew aspirati) ta' l-istess leħen tinxtorob. Għalhekk it-*texdid* (*dagex forte* tal-Lhudi) ta' *ħ* (fil-kelma *moħħ*) u li fil-Malti hu mfisser dejjem b'żewġ konsonanti, jintilef minnufih malli dan imiss mas-semi-aspirata *h* li titwaħħad fil-leħen ta' *ħ* maż-żewġ *ħħ* ta' qabilha.

A. CREMONA.

28. 7. 1945.